Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ottubru 2026
(OR. en, es)

13963/1/26
REV 1
PV CONS 53
JAI 1247
COMIX 242
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)

1 u 2 ta' Ottubru 2026

IL-ĦAMIS, 1 TA' OTTUBRU 2026

AFFARIJIET INTERNI

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 13625/26.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva 13614/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 13615/26

Ġustizzja u Affarijiet Interni

1. Regolament dwar l-istabbiliment ta' sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-UE
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-23.09.2026

[1]C 13179/26 + ADD 1
PE-CONS 40/26
MIGR
JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bi Spanja tivvota kontra u l-Belġju jastjeni (bażi legali: l-Artikolu 79(2), il-punt (c), TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet minn Spanja u l-Portugall jinsabu fl-Anness.

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen

a) Aġġornament tas-sitwazzjoni 12837/1/26 REV 1

b) Implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' prijorità taċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen: żieda fis-sigurtà interna permezz tat-tisħiħ tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ingranaġġ tal-iżviluppi teknoloġiċi 13285/26

Skambju ta' fehmiet

4. It-titjib tar-ritorni permezz ta' kooperazzjoni msaħħa dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi ta' prijorità — 13021/26
Skambju ta' fehmiet

5. Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà — 12923/26
Sitwazzjoni attwali

KWISTJONIJIET OHRA MARBUTA MAL-AFFARIJIET INTERNI

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. Affarijiet oħra

a) Proposti leġiżlattivi attwali — OC — 13051/26
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-affarijiet interni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

7. Implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[1][2]
Sitwazzjoni attwali

8. It-tisħiħ tal-għarfien tas-sitwazzjoni tal-migrazzjoni u tal-kapaċitajiet ta' twissija bikrija tal-UE, inkluż matul sitwazzjonijiet ta' kriżi[1][3] — 12918/26
Skambju ta' fehmiet

9. L-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku tal-UE dwar id-drogi: intimidazzjoni relatata mad-droga[4] — 12796/26
Skambju ta' fehmiet

1 Fil-preżenza tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.
2 Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej EUAA, eu-LISA u Frontex.
3 Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej EUAA, Europol u Frontex.
4 Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej EUDA u Europol.

10. Il-ġlieda kontra l-isfidi tas-sigurtà: valutazzjoni mis-servizzi tal-intelligence domestiċi Ewropej11[5][6][7]
Sitwazzjoni attwali

11. L-impatt tal-ambjent ġeopolitiku attwali fuq is-sigurtà interna tal-UE1[5][6]
Skambju ta' fehmiet
12997/26

12. Affarijiet oħra

a) Rapport ta' progress annwali tal-2026 dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar
Informazzjoni mill-Kummissjoni
13207/26
13487/26

b) Mekkaniżmu Ewropew ta' Emerġenza biex jiġu indirizzati l-istrumentalizzazzjoni u t-theddid ibridu fil-fruntieri esterni tal-UE
Informazzjoni mill-Greċja
13311/26

c) Żamma ta' data
Informazzjoni minn Franza
13437/1/26 REV 1

IL-ĠIMGĦA, 2 TA' OTTUBRU 2026

ĠUSTIZZJA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

13. Reviżjoni tar-Regolament dwar il-Eurojust
Dibattitu ta' orjentazzjoni
C1
12859/1/26 REV 1

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Eurojust.

14. Affarijiet oħra

a) Proposti leġiżlattivi attwali
Informazzjoni mill-Presidenza
C1
13051/26

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-ġustizzja.

---

5 L-apparat elettroniku tħalla barra mis-sala.
6 Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej Europol u Frontex.
7 Fil-preżenza tal-Kummissarju tal-An Garda Síochána (servizz tas-sigurtà nazzjonali Irlandiż).

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

15.	Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: il-ġlieda kontra l-impunità[8] *Sitwazzjoni attwali*	12865/26
16.	Il-protezzjoni tas-soċjetà ċivili u l-ġurnalisti[9] *Skambju ta' fehmiet*	12958/26
17.	Konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u forom relatati ta' mibegħda u diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea: Is-Salvagwardja tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Valuri Ewropej *Approvazzjoni* *Skambju ta' fehmiet*[9]	12748/26 13202/26 + ADD 1 REV 2
18.	Affarijiet oħra	
	a) Rapport ta' progress annwali tal-2026 dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar *Informazzjoni mill-Kummissjoni*	13207/26 13091/26
	b) Rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni (UE) 2023/681 dwar id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati soġġetti għal arrest preventiv u dwar il-kundizzjonijiet materjali tad-detenzjoni *Informazzjoni mill-Kummissjoni*	12931/26 13300/26
	c) Żamma ta' data *Informazzjoni minn Franza*	13437/1/26 REV 1

---

❶ L-ewwel qari

✋ Punt ristrett

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

---

8 Fil-preżenza tal-aġenzija Ewropea Eurojust.

9 Fil-preżenza tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).

ANNESS

Dikjarazzjonijiet għall-punt leġiżlattiv "A" li jinsab fid-dokument 13615/26

Dwar il-punt "A" nru 1: **Regolament dwar l-istabbiliment ta' sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-UE**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

Il-Portugall jappoġġa l-ftehim milħuq mill-koleġiżlaturi li wassal għall-finalizzazzjoni tar-Regolament dwar ir-Ritorn. Huwa tassew kruċjali fil-fehma tagħna li nipprovdu lill-Unjoni Ewropea b'qafas legali li jippermetti l-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji u l-kontroll tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, filwaqt li fl-istess ħin jiġu rrispettati l-valuri ewlenin ta' Unjoni Ewropea umanista, jiġifieri l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem.

Madankollu, il-Portugall ma jistax jappoġġa, bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-kunċett ta' ċentri ta' ritorn. M'aħniex ser nipparteċipaw f'dan il-mekkaniżmu u nopponu l-finanzjament tiegħu permezz tal-baġit tal-Unjoni. Barra minn hekk, filwaqt li nilqgħu tajjeb l-esklużjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati mill-ambitu taċ-ċentri ta' ritorn, inqisu li l-istess livell ta' protezzjoni għandu jiġi estiż ukoll għall-familji b'minorenni, fl-aħjar interess tat-tfal u f'konformità mal-prinċipji u l-valuri komuni tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa aspett importanti ħafna għalina.

B'żieda ma' dan, il-Portugall għandu riżervi qawwija dwar it-tul massimu tal-perjodu ta' detenzjoni previst fl-Artikolu 30. L-Artikolu 35 huwa wkoll kwistjoni ta' tħassib, peress li l-politiki ekonomiċi u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ma' pajjiżi terzi huma kundizzjonali għall-appoġġ tagħhom għall-proċeduri ta' ritorn u r-riammissjonijiet.

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

1. Il-migrazzjoni hija sfida Ewropea li teħtieġ soluzzjonijiet Ewropej. Spanja ilha sostenitur qawwi ta' politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni, li tindirizza kemm id-dimensjoni interna kif ukoll dik esterna f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, ir-ritorn ta' persuni mingħajr dritt li jibqgħu fit-territorju huwa wieħed minn diversi elementi ewlenin ta' din il-politika komprensiva dwar il-migrazzjoni.

2. Spanja tqis li l-qafas regolatorju Ewropew għar-ritorn għandu jipprova jikseb żewġ objettivi ewlenin. Minn naħa waħda, għandu jistabbilixxi sistema Ewropea komuni għar-ritorn, l-istess kif l-Unjoni għandha sistema komuni ta'ażil u sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni. Min-naħa l-oħra, għandu jippromwovi proċedura ta' ritorn aktar effettiva u effiċjenti, filwaqt li jiżgura d-dinjità, is-sigurtà u salvagwardji legali xierqa, f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità.

3. Spanja tqis li t-test ippreżentat ma jissodisfax dawn iż-żewġ objettivi għal tliet raġunijiet ewlenin: il-fatt li jagħżel li ma jistabbilixxix sistema ta' ritorn verament Ewropea; it-tħassib serju legali, dak dwar ir-relazzjonijiet esterni u dak operazzjonali mqajjem miċ-ċentri ta' ritorn; u n-nuqqas ta' proporzjonalità ta' ċerti miżuri. Madankollu, l-avvenimenti reċenti f'Ceuta juru wkoll li l-leġiżlazzjoni Ewropea m'għandhiex strumenti li jagħmlu possibbli ritorn effettiv f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali li mhumiex tas-soltu.

4. B'referenza għall-ewwel raġuni, wieħed mill-objettivi ewlenin tal-proposta inizjali, jiġifieri r-rikonoxximent reċiproku obbligatorju ta' deċiżjonijiet abbażi ta' Ordni Ewropea ta' Ritorn, ġie abbandunat. Barra minn hekk, minflok ma l-isforzi jiffukaw fuq ir-ritorn miż-żona Schengen kollha ta' dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju, inħolqu mekkaniżmi ġodda għat-trasferiment ta' persuni bejn l-Istati Membri. B'żied ma' dan, l-għadd ta' referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali żdied għad-detriment tal-armonizzazzjoni tas-sistema. Fil-qosor, l-opportunità li tinkiseb sistema Ewropea komuni ntilfet. Minflok ma nimxu lejn sistema komuni, qed nieħdu passi lura.

5. Fir-rigward tat-tieni raġuni, Spanja tibqa' estremament imħassba dwar iċ-ċentri ta' ritorn. It-test propost jagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti dawn iċ-ċentri permezz ta' ftehimiet mhux vinkolanti, li l-kontenut tagħhom jikkawża inċertezza legali u joffri garanziji limitati. Spanja tqis li dawn il-ftehimiet ma jippermettux li jiġi żgurat li d-drittijiet u l-obbligi tal-persuni li ser jintbagħtu lura lejn pajjiż terz jiġu rrispettati, irrispettivament minn jekk għandhomx rabtiet ma' dak il-pajjiż jew le. Anki l-familji bit-tfal jistgħu jiġu ttrasferiti lejn ċentri ta' ritorn f'pajjiżi li magħhom ma għandhom l-ebda konnessjoni. Barra minn hekk, jekk il-ftehimiet ma jkunux vinkolanti, dan iqajjem il-kwistjoni ta' kif l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jistgħu jkunu obbligati jikkonformaw magħhom. Billi jipprevedu li l-Unjoni stess tikkonkludi arranġamenti jew ftehimiet mhux vinkolanti ma' pajjiżi terzi f'dan il-qasam, l-Istati Membri kollha qed jassumu livell għoli ta' responsabbiltà u riskju inaċċettabbli. Barra minn hekk, hemm riskju għoli ta' litigazzjoni minħabba ksur potenzjali tal-prinċipju ta' non-refoulement minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

B'żieda ma' dan, Spanja tqis li t-test ma jqisx b'mod adegwat l-impatt dirett li l-konklużjoni ta' ftehimiet bħal dawn mill-Unjoni jew minn Stati Membri oħra ma' pajjiżi terzi jista' jkollu fuq il-kredibbiltà tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll fuq ir-relazzjonijiet bilaterali tal-Istati Membri. It-test jipprevedi mekkaniżmu ta' informazzjoni għall-Istati Membri li jikkondividu fruntiera. Madankollu, din il-formulazzjoni ma tkoprix il-pajjiżi sħab ewlenin kollha ta' Spanja, li magħhom Stati Membri oħra jistgħu jikkonkludu ftehimiet mingħajr ma jinfurmaw u jikkonsultaw lil Spanja.

Spanja ttenni l-importanza li tiġi promossa l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi permezz ta' approċċ komprensiv u sħubijiet komprensivi. Spanja għandha dubji serji dwar l-effettività u l-effiċjenza fil-livell operazzjonali. Fin-nuqqas ta' rabta familjari, soċjali jew ekonomika, Spanja tistaqsi x'inċentiv persuna ttrasferita jkollha biex ma tipprovax tirritorna lejn l-Unjoni meta l-prospetti tagħha f'pajjiż terz mhux familjari jkunu limitati. Ma twettqet l-ebda analiżi minimament oġġettiva tal-kostijiet u l-benefiċċji.

6. U b'referenza għat-tielet raġuni, it-test ippreżentat iqajjem mistoqsijiet dwar il-legalità u l-proporzjonalità ta' ċerti miżuri. Pereżempju, id-detenzjoni ma għadhiex miżura tal-aħħar istanza. Barra minn hekk, il-perjodu ta' ċaħda tal-libertà żdied sa 24 xahar, b'estensjonijiet potenzjalment indefiniti. Hija prevista l-possibbiltà ta' katina ta' detenzjonijiet fi Stati Membri differenti mingħajr ebda limitu ta' żmien. Din tagħti lok għal mistoqsija dwar jekk ikunx permess fl-UE li persuni f'sitwazzjoni amministrattiva irregolari jiġu mċaħħda mil-libertà tagħhom għal perjodi itwal minn dawk applikabbli għal kriminali kkundannati għal reati serji.

7. Fl-aħħar nett, l-avvenimenti reċenti f'Ceuta wrew il-ħtieġa ta' mekkaniżmi speċifiċi biex jiġi żgurat ritorn effettiv f'każijiet ta' dħul tal-massa kaotiku fil-fruntieri esterni. Madankollu, dan ir-Regolament ma fihx miżuri biex jiġu indirizzati tali ċirkostanzi eċċezzjonali.

8. Fid-dawl ta' dan kollu, Spanja TOPPONI l-adozzjoni tar-Regolament.